



Dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali

In-numru ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja jiżdied għal disgħa

Skont dikjarazzjoni¹ annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernamentali li adottat it-Trattat ta' Lisbona, "jekk, skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 252, tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja titlob li n-numru ta' Avukati Ġenerali jiżdied bi tlieta (ħdax minflok tmienja), il-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, ser jaqbel dwar tali żieda. F'dak il-każ, il-Konferenza taqbel li l-Polonja, kif diġà huwa l-każ għall-Ġermanja, Franza, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit, ser ikollha Avukat-Ġenerali permanenti u mhux ser tibqa' tiegħu sehem fis-sistema ta' rotazzjoni; filwaqt li s-sistema attwali ta' rotazzjoni ser tibda tinkludi r-rotazzjoni ta' ħames Avukati-Ġenerali minflok tlieta".

Fis-16 ta' Jannar 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet li n-numru tal-Avukati Ġenerali jiżdied bi tliet persuni. Hija enfasizzat, b'mod partikolari, li, sussegwentement għall-adeżjonijiet suċċessivi ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea u b'konsegwenza kemm tal-aġġustament tal-qafas istituzzjonali tal-Unjoni marbut mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u kemm tal-kompetenzi ġodda mogħtija lilha minn dan it-Trattat, in-numru ta' kawżi ilu, għal numru ta' snin, jiżdied b'mod kostanti.

Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill iddeċieda li jkabbar in-numru ta' Avukati Ġenerali għal disgħa, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, u għal ħdax, b'effett mis-7 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2013, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru lil Maciej Szpunar bħala Avukat Ġenerali għall-perijodu bejn is-16 ta' Ottubru 2013 u s-6 ta' Ottubru 2018.

Barra minn hekk, minħabba r-riżenja ta' Uno Lõhmus, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2013, lil Külliuke Jürimäe, Imħallef tal-Qorti Ġenerali, bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu bejn is-6 ta' Ottubru 2013 u s-6 ta' Ottubru 2015. Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2013, Lauri Madise nġat bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu bejn is-6 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2016.

Fil-kuntest tat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2013, ġeddew, għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2019, il-mandat ta' Irena Pelikánová.

Waqt udjenza solenni li nżammet illum fil-Lussemburgu, il-Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ħadu l-ġurament fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tagħhom.

Curriculum vitae ta' Maciej Szpunar

imwieled fl-1971; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Silésie u mill-Collège d'Europe ta' Bruges; dottorat fid-dritt (2000); dottorat avanzat fix-xjenzi legali (2009); professur tad-dritt (2013); Visiting Scholar fil-Jesus College, Cambridge (1998), fl-Università ta' Liège (1999) u fl-Istitut Universitarju

¹ Dikjarazzjoni Nru 38 dwar l-Artikolu 252 TFUE.

Ewropew ta' Firenze (2003); avukat (2001-2008), membru tal-Kumitat tad-dritt internazzjonali privat tal-Kummissjoni għall-kodifikazzjoni tad-dritt ċivili fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (2001-2008); membru tal-Kunsill xjentifiku tal-Akkademja tad-dritt Ewropew ta' Trier (sa mill-2008); membru tal-Grupp ta' riċerka dwar id-dritt privat Komunitarju fis-seħħ "Acquis Group" (sa mill-2006); sottosegretarju tal-Istat fi ħdan l-Uffiċċju tal-kumitat tal-integrazzjoni Ewropea (2008-2009), u mbagħad fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (2010-2013); Viċi President tal-Kunsill xjentifiku tal-Istitut tal-Ġustizzja; aġent tal-Gvern Pollakk f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-qorti tal-Unjoni Ewropea; kap tad-delegazzjoni Pollakka fin-negozjati dwar it-Trattat dwar l-istabbiltà, il-koordinazzjoni u l-iggvernar fi ħdan l-Unjoni Ekonomika u Monetarja; membru tal-bord editorjali ta' diversi rivisti legali; awtur ta' ħafna pubblikazzjonijiet fl-oqsma tad-dritt Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja sa mis-23 ta' Ottubru 2013.

Curriculum vitae ta' Küllike Jürimäe

imwielda fl-1962; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistent tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); gradwata mill-Iskola tad-Diplomazija tal-Estonja (1991-1992); konsulent ġuridiku (1991-1993) u Segretarja Eżekuttiva tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti tal-Appell ta' Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-12 ta' Mejju 2004 sal-23 ta' Ottubru 2013; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja sa mis-23 ta' Ottubru 2013.

Curriculum vitae ta' Lauri Madise

imwieled fl-1974; gradwat fid-dritt (Universitajiet ta' Tartu u ta' Poitiers); konsulent fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja (1995-1999); konsulent u wara Kap tas-Segretarjat tal-Kummissjoni Kostituzzjonali tal-Parlament Estonjan (1999-2000); Imħallef fil-Qorti tal-appell ta' Tallin (mill-2002); membru tal-Kummissjoni tal-Eżamijiet tal-Maġistratura (mill-2005); ipparteċipa f'xogħlijiet leġiżlattivi fid-dritt kostituzzjonali u fid-dritt amministrattiv; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-23 ta' Ottubru 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](http://Europe.by.Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106